# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 18 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**
**vs**
**Jovil Abela**

**Kumpilazzjoni Nru: 1237/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jovil Abela, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 409183(M).

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Settembru, 2013 ghall-habta ta' 20:00p.m. gewwa Triq Birbal Balzan u f'dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Clive Pulis f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta' natura gravi.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' Clive Pulis fejn l-ammont tal-hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Clive Pulis ai temini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 214, 215 u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jittratta incident li sehh nhar it-22 ta' Settembru 2013 ghall-habta tat-8.00pm fi Triq Birbal Balzan.

Illi l-imputat illum huwa mizzewweg lil certa Rodianne Bonello; din fil-passat kellha relazzjoni ma' Clive Pulis u flimkien ghandhom tifel (jismu Dale). Fil-gurnata in ezami Clive Pulis, flimkien mat-tfajla tieghu Donna Zammit, iltaqa' ma' Rodianne Bonello, li kienet ma' l-imputat, biex jirritorna lit-tifel wara li kien ezercita l-access. Huma ltaqghu hdejn il-gnien ta' San Anton fit-8.00pm; waslu hemm f'zewg karozzi separati: Clive Pulis u Donna Zammit fil-karozza ta' missieru, u Rodianne Bonello u l-imputat f'karozza ohra.

Illi mill-provi jirrizulta li normalment Pulis kien jiehu lit-tifel lura fir-residenza ta' ommu f'Bormla fis-6.00pm pero dak in-nhar ftehmu li jiltaqghu hdejn San Anton fit-8.00pm. Ghalkemm Rodianne Bonello accettat dan l-arrangament jidher li ma tantx kienet kuntenta bih, tant li malli waslu hdejn San Anton kif miftiehem, harget mill-karozza taghha, resqet lejn il-karozza ta' Pulis biex tiehu lit-tifel u lil Pulis qaltlu li din ma

kenitx ser tirrepeti ruhha u li t-tifel kellu jibqa jgibulha d-dar u mhux tinqala' hi. Malli Bonello qalet dan id-diskors inqala' disgwid li wassal ghal glieda bejn Pulis u l-imputat.

Illi Clive Pulis jirrakkonta li hekk kif taha t-tifel Rodianne bdiet tghajjat ghax kellha tmur H'Attard; hu qallha biex ma toqghodx tghajjat pero hi mhux talli ma waqfitx imma bdiet tghajjat ma' Donna Zammit. Kompla zied li malli hadet it-tifel hareg l-imputat mill-karozza, gie b'rankatura ghal fuqu u tah daqqa ta' ponn, middu ma'l-art u baqa' jaghtih sa kemm ferrquhom it-tfajliet. Pulis zied ukoll li wara li ferrquhom l-imputat mar igib xi haga mill-booth tal-karozza ta' Rodianne pero kien maghluq u f'daqqa telaq jigri fuq il-bonnet tal-karozza ta' Pulis u ghajjat li l-bicca mhux ser tieqaf hemm. Clive Pulis spjega ukoll li bhala rizultat tad-daqqa li qala kellu ksur f'imniehru; jallega ukoll li ghadu jbati biex jiehu nifs. Dwar il-hsara fil-karozza Pulis qal li missieru (sid il-vettura) ghamel claim ma l-insurance u hallas tmenin Euro. In kontro-ezami jammetti li meta Rodianne bdiet tghid lil Donna Zammit biex ma tindahalx, Zammit harget mill-karozza u kien wara li harget mill-karozza Zammit li l-imputat hareg mill-karozza u "*x'hin konna ha mmorru 'l hemm, hareg jigri, sabni aljenat u kif dort ghalih laqghatni bull u fil-fatt middni ma'l-art".*

Illi da parti taghha Donna Zammit irrakkontat li hekk kif Pulis ta t-tifel lil Rodianne hija bdiet tghajjat ma' Clive u tghidlu li din kienet l-ahhar darba li ser titla H'Attard; Rodianne daret ukoll fuq Zammit u qaltilha biex ma tindahalx. Ghal dan id-diskors Zammit tghid li fethet il-bieba tal-karozza biex tohrog tkellimha pero malli fethet il-bieba tal-karozza l-imputat hareg jigri fuq Pulis u tah daqqa ta' ponn u tefghu ma'l-art. Meta rat hekk marret, flimkien ma' Rodianne, biex iferrquhom. Zammit ukoll ziedet li, wara li ferrquhom, l-imputat prova jiftah il-bagoll tal-karozza ta' Rodianne pero ma rnexxielux u wara ta daqqa ta' sieq fuq il-karozza ta' Pulis u ghamel ghafsa; aktar minn hekk l-imputat beda jghidilhom li "*din ma waqfitx hawn*".

Illi Rodianne Bonello xehedet ukoll. Hija tirrakkonta li kif harget mill-karozza taghha lil Pulis qaltlu li ma tergax tkun li tmur hi H'Attard ghat-tifel u lil Donna Zammit qaltilha biex ma tindahalax bejniethom fuq it-tifel. Ghal dan id-diskors Zammit harget mill-karozza tghidilha li hi lilha qatt ma kellmitha  u ghamlet idejha ma' wicc Bonello u anke Pulis mar ghalfuqha b'idu ma' wiccha. Malli ra hekk l-imputat hareg mill-karozza u lil Zammit qallha "*x'ser taghmel?*"; dak il-hin Pulis mar fuq l-imputat u gew f'l-idejn.

Bonello kompliet tghid li meta l-irgiel gew f'l-idejn hija qeghdet lit-tifel fil-karozza u marret tferraq u ziedet li Donna Zammit m'ghamlet xejn biex tferraq imma qaghdet iddur mal-karozzi u tghajjat. Mistoqsija dwar id-daqqa ta' sieq da parti ta' l-imputat fuq il-karozza ta' Pulis, Bonello qalet li ma rat xejn ghaliex kienet mohhha fit-tifel.

Illi l-imputat xehed. Huwa jirrakkonta li meta Rodianne niezlet mill-karozza lil Pulis qaltlu li "*din mhiex ser tieqaf hawn*" u li mhux ser terga tkun li tmur hi H'Attard ghat-tifel. Ghal dan id-diskors hargu t-tnejn (Pulis u Zammit) mill-karozza taghhom u Pulis beda jghajjat f' wicc Rodianne b' idejh ma' wiccha; meta ra hekk l-imputat hareg biex iferraq billi imbuttahom. Pulis irreagixxa billi tah daqqa ta' ponn u kien ghalhekk li spiccaw gew f'l-idejn sa kemm ferrquhom. L-imputat jichad li huwa ta' xi daqqa fuq, jew ghamel xi hsara, fil-vettura ta' Pulis.

Illi jidher mir-riassunt tad-depozizzjonijiet mghotija mill-protagonisti ta' dan l-incident li l-verzjonijiet ma jaqblux ghall-kollox ma' xulxin. Fil-fatt l-erbgha verzjonijiet huma xi ftit differenti minn xulxin b'l-akbar diskrepanzi dwar minn ta l-ewwel daqqa u dwar jekk l-imputat tax daqqa ta' sieq fuq il-vettura ta' Pulis. Dwar il-glieda Pulis u Zammit jghidu li kien l-imputat li ta l-ewwel daqqa; Rodianne Bonello ma qalitx min ta l-ewwel daqqa imma qalet sempliciment li wara li Pulis tella' idejh ma' wiccu qabdu jghatu; l-imputat jghid li hu *imbuttahom* biex iferraq u li kien Pulis li ta l-ewwel daqqa ta' ponn. Dwar id-daqqa ta' sieq fuq il-karozza ta' Pulis, Pulis u Zammit jinsistu li l-imputat ta daqqa, Bonello terga tghid li ma rat xejn ghax kien mohhha fit-tifel, u l-imputat jinnega.

Illi minkejja dan il-kunflitt pero, il-Qorti, wara li rat u semghet lill-persuni koncernati jghatu d-depozizzjoni taghhom u wara li qiset il-provi kollha prodotti, hija konvinta li dwar minn ta l-ewwel daqqa tista taghti kredibilita lill-parte leza u lil Donna Zammit. Fil-verita huwa l-istess imputat li jikkonferma li kien hu li ghamel l-ewwel intervent fiziku meta *mbuttahom.* L-imputat jghid ukoll li mbuttahom biex iferraqhom; f'dak il-hin pero ma kellu ghalfejn iferraq lil hadd ghaliex hadd ma kien gie f'l-idejn. Anke jekk taghti kredibilita lill-verzjoni ta' Bonello li Pulis u Zammit kienu qeghdin jghajjtu b'idejhom ma' wiccha, f'dak l-istadju jekk l-imputat verament hass li Bonello kienet f'xi perikolu seta' facilment jigbiedha 'l hemm minghajr il-bzonn li jerfa idejh u jimbotta lil Pulis u Zammit. Pero aktar minn hekk, fil-fehma tal-Qorti, dak li gara dak il-hin jghidu Clive Pulis meta qal dak il-kliem riprodott aktar 'l fuq: *x'hin konna ha mmorru 'l hemm, hareg jigri,*

*sabni aljenat u kif dort ghalih laqghatni bull u fil-fatt middni ma'l-art.* F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija konvinta li kien b'l-intervent ta' l-imputat li d-disgwid verbali bejn it-tlett persuni l-ohra ddegenera fi glieda fizika bejn l-imputat u Pulis.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza lil Clive Pulis offiza ta' natura gravi ai termini ta'l-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif diga ntqal il-Qorti hija konvinta li kien l-intervent ta'l-imputat li wassal biex argument verbali ddegenra f'glieda fizika bejnu u bejn Pulis. Ghalhekk l-imputat ghandu jirrispondi ghall-griehi sofferti minn Pulis.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li bhala rizultat tad-daqqa li qala' fuq imnehru, Pulis sofra *deviation* f'l-ghadma ta' mniehru rizultat tal-ksur ta'l-ghadam, u din kienet tirrikjedi intervent kirurgiku li sar fil-5 ta' Ottubru 2013. Meta Pulis kellu appuntament bhala follow up (fi Frar 2015) huwa ilmenta li kien qed ikollu imniehru iblukkat. Rega ezaminha il-konsulent kirurgu (Mr Herman Borg Xuereb) u kkonstata li Pulis kellu laham hazin u ppreskrivielu nasal spray. Meta iddepona l-imsemmi kirurgu quddiem din il-Qorti (f' Marzu 2015) huwa qal li jrid jerga jezamina lil Pulis biex jara x'effett kellu l-ispray u jekk hux necessarju intervent kirurgiku iehor biex jitnehha dan il-laham. Ghandu jigi rilevat li meta kien qed jixhed il-kirurgu ma qalx li dan il-laham hazin trabba bhala rizultat tad-daqqa li qala' Pulis dak in-nhar ta'l-incident u li huwa b'xi mod konness mal-ksur f'l-ghadam. Aktar minn hekk ix-xhud Dr Kenneth Muscat ikkonferma li wara li sar l-intervent kirurgiku imsemmi huwa hareg certifikat[1] fejn iddeskriva l-griehi bhal *gravi per durata* minhabba li d-deviation kienet rizultat ta' ksur f'l-ghadam ta'l-imnieher.

Illi din l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat (ai termini tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali) hija bazata fuq l-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirreferi ghal offiza li *tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ.* La darba Dr Kenneth Muscat ikkonferma li l-offiza

[1] Dok CP1 fol 30.

giet klassifikata bhala gravi per durata minhabba il-ksur f'l-ghadam; tenut kont tal-fatt li l-kirurgu ma kkonstata l-ebda konsegwenza rizultat tal-ksur li soffra Pulis; u tenut kont ukoll li ma tezisti l-ebda prova f'l-atti processwali li l-laham hazin f'imnieher Pulis trabba bhala rizultat tad-daqqa jew tal-ksur li soffra, zgur ma jistax jinghad li l-offiza li soffra Pulis taqa' taht definizzjoni ta'l-artikolu 218(1)(a) fuq imsemmi. Din l-offiza pero, kif deskritta mill-professjonisti medici li xehedu quddiem din il-Qorti, taqa' taht definizzjoni ta' offiza ta' natura gravi fit-termini ta'l-artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 li jirreferi ghal marda tal-gisem li ddum aktar minn tlettin gurnata biex tfiq. La darba r-reat prospettat f'l-artikolu 216 huwa reat minuri kompriz u involut f'l-artikolu 218 kwotat mill-Avukat Generali l-imputat ghandu jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni b'dan li l-offiza kawzata hija gravi fit-termini ta'dan l-artikolu 216(1)(d).

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci testwalment l-imputazzjoni issa in ezami; ic-citazzjoni tghid hekk:

> *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta' Clive Pulis fejn l-ammont tal-hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500), izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250).*

Illi l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hija li l-imputat ikkawza hsara fil-karozza b'numru ta' registrazzjoni EBL934 li hija propjeta ta' Joseph Pulis u mhux ta' Clive Pulis.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, **il-fatti ta' l-akkuza**[2], bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*

[2] Sottolinear tal-Qorti.

*Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' " tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament*"[3]

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li fic-citazzjoni l-fatti ta'l-akkuza fit-tieni imputazzjoni ma jirreferux ghal hsara f'xi vettura (hu min hu is-sid) imma hsara a dannu ta' Clive Pulis; dawn huma l-fatti tar-reat li qed jigi imputat bih Jovel Abela.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat ikkawza xi hsara fil-propjeta ta', jew a detriment ta', Clive Pulis; konsegwentement it-tieni imputazzjoni, kif dedotta, ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra c-cirkostanzi li wasslu ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri, is-sehem tal-persuni l-ohra involuti, u l-fedina penali kwazi netta ta' l-imputat.

---

[3] Ara ukoll *Pulizija vs Warren Piscopo* u *Pulizija vs Rita Thuema,* it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni kif dedotta u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 214, 215 u 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**